MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1018/2003

Avviz numru: 1018/03AE

Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti
Ex lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li
Jifformaw is-syndicates bin-numri JAT1245,
KLN0510, SDM0807, SAM0727, ATR0570 u
SIM0994 u Rausi Insurance Agency Limited u
Angelique Abela

Vs

Doris Grech

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' sitt mija u disa' u disghajn lira Maltija u sitta u disghajn centezmu (Lm699.96) ammont dovut mill-konvenuta bhala hlas ta' danni kkawzati fuq il-vettura bin-numru ANG 283 propjeta ta' Angelique Abela, assikurata mill-atturi li huma surrogati fid-drittijiet taghha (filwaqt li l-istess Angelique Abela ghandha interess li tirkupra Lm250 bhala excess minnha mhallas) waqt li l-konvenuta bi traskuragni u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku habtet gol-karrozza imsemmija fl-Msida, nhar l-10 ta' Settembru 2002.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha kkontestat it-talba ta' l-atturi u ddikjarat li l-incident sehh htija ta' l-attrici.

Semgha x-xhieda.

Semgha t-trattazzjoni.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:-

1. Il-kawza titratta incident tat-traffiku li sehh gewwa Triq Mons Carmelo Zammit, Msida it-trieq li twassal ghal main gate ta' l-Universita ta' Malta. Il-habta kienet *head on* (ara ritratt a fol. 21 tal-process).

2. Mill-provi rrizulta li l-konvenuta [vettura bin-numru DAU 121] kienet ghadha kif harget mill-Universita u li fuq ix-xellug taghha kien hemm vetturi *double parked*.

3. Mill-faccata giet vettura misjuqa mill-attrici [numru ANG 283] li kienet ghadha kif harget minn fuq il-By Pass u daret il-liwja.

4. Il-konvenuta qalet li kienet kostretta tbiddel karreggjata peress li l-vetturi *double parked* kienu qeghdin jostakolaw triqtha.

5. Fl-okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz hemm il-verzjoni li taw iz-zewg sewwieqa:-

**Il-konvenuta**:- *"I was proceeding through Mons Carmelo Zammit Street in the direction of the bypass, **<u>almost in the middle of the street due to the fact that on my left in my side, cars were double parked</u>**, was hit by the other vehicle that came from the bypass"*.

**L-attrici**:- *"I just entered from the bypass in to Mons. Carmelo Zammit was hit by the other vehicle that was coming down. **<u>I was a bit on the outside because of a van that was parked on my left, almost in the bend</u>**"*.

6. Mill-iskizz [fol. 12] jidher cjar u tond li l-vettura misjuqa mill-konvenuta kienet qeghda ssuq fuq in-naha l-ohra tat-triq u mhux *on the crown of the road* kif xehedet il-konvenuta. Hadd mill-paritjiet ma kkontesta l-posizzjoni tal-vetturi kif murija fit-triq.

7. Kif tajjeb intqal fil-kawza fl-ismijiet **Richard Micallef noe vs Michael Debono** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Onor. Imhallef J. Said Pullicino] fil-5 ta' Ottubru 1993, ir-responsabbilta ghal incident tat-traffiku *"tigi determinata qabel xejn minn dawk il-fatturi li jkunu pprovokawh u mhux mir-rejazzjonijiet tas-sewwieqa fil-mument meta jigu rinfaccjati bil-possibilta ta' impatt. Dak li jigri f'dak il-mument w aktar w aktar fl-agony of collision, hu generalment irrilevanti ghall-fini tar-responsabbilta"*.

8. Ladarba l-konvenuta kellha l-htiega tinvadi l-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta, kienet mistennija fuq kollox li tiehu prekawzjoni adegwata sabiex ma tfixkilx it-traffiku gej minn dik id-direzzjoni [ara f'dan is-sens sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-

Appell fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Caruana vs Anthony Falzon** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001 fejn il-Qorti ddikjarat li fuq tali sewwieq *"kien jinkombi … grad ta' diligenza ferm akbar biex jaccerta ruhu illi, qabel ma jaghmel il-manuvra biex jinvadi l-karreggjata rizervata ghat-traffiku gej mid-direzzjoni kuntrarja, ikun jista' jibda jkompli u jtemm dik il-manuvra perikoluza minghajr riskju u wkoll minghajr ma jissorprendi propju lil dak it-traffiku li, bi dritt, ikun qed juza l-karreggjata ghalih rizervata"*. Dan iktar u iktar meta wiehed jikkunsidra li l-konvenuta kienet qeghda tavvicina parti tat-triq minn fejn vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta jkunu ghadhom kif hargu minn liwja.

Huwa minnu li ghal dan l-incident seta' kellhom xi sehem mill-htija x-xufiera li pparkjaw il-vettura taghhom kontra r-regolamenti tat-traffiku. Apparti l-fatt li ma nghatatx id-difiza tat-terz injot, f'kull kaz huwa maghruf li din it-tip ta' difiza ma tregix fejn it-terz ma jigix imsejjah fil-kawza.

9. Il-konvenuta xehdet li tikkalkola li l-vettura l-ohra kienet qeghda ssuq bi speed ta' cirka 60 mil fis-siegha. Fil-fehma tat-Tribunal dan m'huwiex verosimili peress li b'dak it-tip ta' speed vettura li tohrog minn liwja kienet tispicca fuq in-naha l-ohra tat-triq. Min-naha tal-attrici din zgur li ma kenitx qeghda tistenna li kif tohrog mil-liwja ssib ma wiccha vettura ohra gejja minn faccata. Dan apparti l-fatt ukoll li l-konvenuta naqset milli tati prova sodisfacenti u konkludenti li kien hemm xi kontributorjeta min-naha ta' l-attrici.

10. Mill-provi lanqas ma rrizulta li waqt li l-konvenuta kienet qeghda taghmel din il-manuvra hija kienet qeghda ddoqq il-horn biex tattira l-attenzjoni ta' vetturi gejjin mill-faccata. Kif intqal fis-sentenza fuq citata, il-prezunzjoni hija li l-htija kienet tal-persuna li kienet qeghda ssuq fuq in-naha hazina tat-triq. Sahansitra fejn imbaghad *'l-assjem tal-provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilanjati li kull wahda tista' tirrizulta plasibbli u veritjera, u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra,*

*ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabiltajiet…. Il-gudikant allura kellu jasal ghall-konkluzjoni li min jallega u min allura kellu l-oneru tal-prova, ma jkunx issodisfa l-prova. Fil-fehma ta' din il-Qorti allura kient korretta l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li fin-nuqqas ta'* ***prova determinanti*** *da parti tal-konvenut appellant li takkolla l-htija fuq l-attur appellat li kellu r-right of way, li kein qieghed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq, bi speed bl-ebda mod ma rrizulta li kien in eccess ta' dak konsentit fil-lokalita, u li ma jirrizultax li kien qieghed isuq b'xi mod iehor imprudenti jew negligenti, il-konkluzjoni inevitabbli kellha tkun li t-tort tal-kollizzjoni kellu jigi addebitat kollu kemm hu lill-konvenut. Dan billi ma kienx irnexxielu jiskolpa ruhu mill-prezunzjoni iuris tantum li min jinvadi l-karreggjata ta' haddiehor kellu jitqies li kien responsabbli ta' l-incident sakemm ma jiggustifikax il-komportament fis-sewqan tieghu konformement mar-regolamenti applikabbli fic-cirkostanzi".*

11. Ghal dak li jirrigwarda d-danni reklamati, il-konvenuta oggezzjonat ghal air cleaner pipe u wing bracket peress li dawn ma jissemmewx fis-survey report [fol. 16]. Madankollu xehed Mario Cumbo [is-surveyor] u kkonferma li dawn il-parts indunaw li kellhom jinbidlu waqt li kien qieghed isir ix-xoghol tat-tiswija, igifieri wara li sar is-*survey report*. Dan apparti l-fatt li fid-dokument MC1 (fol. 16) dawn il-parts jissemmew.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u disa' u disghajn lira Maltija u sitta u disghajn centezmu (Lm699.96) danni sofferti fl-incident li sehh fl-10 ta' Settembru 2002 u ghal liema incident hija unikament responsabbli l-konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------